DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................          DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**SATIRA**

***4 DRAMMI - p.97 (M/F)***

## SKRIVAN

**PUNT TA' PRINĊIPJU.**

Jidħlu mill-istrajk meta l-jeddijiet tiegħek ikunu rikonoxxuti; jiġifieri fi ftit kliem, meta tingħaraf l-inġustizzja krudili u viljakka li saret miegħek minn din is-soċjetà dekadenti psewdo-demokratika li qed titmexxa minn nukleu ristrett iżda setgħan ta' zionisti kapitalisti li jaħsbu biss għal xawwathom u jkasbru u jinjoraw kompletament il-bżonnijiet u d-drittijiet elementari tal-proletarjat imkasbar u maħqur minn żmien il-Griegi sa daż-żminijiet atomiċi, imħassra, progressisti u materjali tal-lum!

*ASTRONOMU: Jiġifieri meta jien nikseb lura x-xogħol tiegħi, hux hekk?*

/ Biss jeħtieġ iżżomm quddiem għajnejk li l-mexxejja tal-ħaddiema qed jiġġieldu għal punt ta' prinċipju...

*ASTRONOMU: Ħsibthom qed jiġġieldu għalija.*

/ ...Punt ta' prinċipju sagrosant! – li għalih jeħtieġ tbatu kull tbatija, issofru kull inġurja. Punt sagrosant dan tagħkom, li ebda pressjoni jew repressjoni, politika jew ekonomika m'għandha ġġagħalkom iċċedu. U jekk stess iċċedu minħabba li n-nisa tad-dar jiddejqu jarawkom ma' wiċċhom kuljum, jekk stess iċċedu minħabba dis- sikkatura infrakonjugali – jekk stess iċċedu! – tagħmlu dan minn barra biss, iżda minn ġewwa, fil-fond ta' qalbkom, ma tbaxxu raskom qatt!

*ASTRONOMU (ma kienx qed jisma' – imħasseb): Eh, iva iva... Imma allura ma tafx kemm jista' jdum dan l-istrajk?*

Dawn mhumiex affarijiet ta' għaġla. Jekk il-pajjiż isofri ekonomikament mhijiex raġuni għala għandu jieqaf strajk! *(<198)*

PDF p.16